MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1/2001/2

**William Cassar Torreggiani**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Din hi talba ghas-smigh mill-gdid tas-sentenza ta’ dina l-Qorti tat-13 ta’ Jannar 2004 mressqa mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali fit-terminu tas-subincizi (e) u (l) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

“Illi permezz ta’ sentenza tat-13 ta’ Jannar 2004 dina l-Onorabbli Qorti iddecidiet fuq ir-rikors ta’ l-Appell imressaq minn William Cassar Torreggiani fis-7 ta’ Marzu 2001 minn decizjoni ta’ l-Arbitru mahtur taht l-Att X ta’ l-1987 tad-19 ta’ Jannar 2001 f’ liema decizjoni l-Arbitru

kien cahad l-appell ta' William Cassar Torreggiani biex jirrevedi r-rata ta' pensjoni ta' irtirar.

Illi permezz ta' dik id-decizjoni tat-13 ta' Jannar 2004 dina l-Qorti leqghet l-appell u hassret l-imsemmija decizjoni ta' l-Arbitru.

Illi permezz ta' l-istess sentenza dina l-Qorti ordnat lill-esponent sabiex ihallas lill-appellant William Cassar Torreggiani "rata ta' pensjoni riveduta skond il-ligi applikabbli fir-rigward tieghu u li jhallas lill-appellant dik id-differenza li tirrizulta b' effett minn meta l-appellant kien eligibbli ghall-pensjoni" u kkunndannat lill-esponent ihallas l-ispejjez ta' l-appell.

Illi l-esponent jissottometti illi hemm lok illi l-imsemmija kawza fl-ismijiet "William Cassar Torreggiani vs Direttur tas-Sigurta` Socjali" deciza fi grad ta' appell fit-13 ta' Jannar 2004 tigi ritrattata wara illi tithassar dik is-sentenza u dan billi l-istess sentenza kienet il-frott ta' applikazzjoni hazina ta' ligi fit-termini tal-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 u l-frott ta' zball ta' fatt illi jirrizulta mill-atti tal-kawza fit-termini tal-paragrafu (l) ta' l-imsemmi Artikolu 811 li jghid hekk:

"**811.** Kawza deciza b' sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin: …

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni; …

(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-

verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."

Illi l-fatti illi taw lok ghal din it-talba ghar-ritrattazzjoni huma s-segwenti:

1. Illi William Cassar Torreggiani ('ir-ritrattat') beda jircievi pensjoni ta' l-irtirar b' effett mis-7 ta' Awissu 1999 u dik il-pensjoni giet kalkolata mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali abbazi tad-dhul tieghu fl-ahhar ghaxar snin ta' qabel ma rtira.
2. Illi r-ritrattat kien sostna illi peress illi f' sentejn partikolari (u cioe` fl-1992 u l-1993) huwa kien hallas kontribuzzjoni li kienet oghla mill-kontribuzzjoni illi kienet tikkorrispondi ghad-dhul attwali tieghu f' dawk is-sentejn, id-dhul tieghu, ghal skopijiet ta' komputazzjoni ta' pensjoni, kellu, ghal dawk is-sentejn, jitqies daqs id-dhul illi kien ikun jikkorrispondi mal-kontribuzzjonijiet illi huwa kien hallas u ma kellux jitqies abbazi ta' l-ammont li huwa kien attwalment dahhal.
3. Illi l-Arbitru mahtur taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali kien cahad l-appell tar-ritrattat u ddecieda illi l-komputazzjoni tal-pensjoni tar-ritrattat li kienet saret mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali kienet saret skond il-ligi.
4. Illi s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2004 illi taghha qieghed jintalab it-thassir u r-ritrattazzjoni kienet:

i. cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-esponent li kienet dwar it-tifsira tal-kelma 'tnaqqis'; u

ii. cahdet it-tieni eccezzjoni ta' l-esponent fis-sens illi l-appell ma kien iqajjem ebda punt ta' dritt jew principju ta' importanza; u

iii. iddecidiet illi l-aggravju tar-ritrattat kien gustifikat fil-meritu u illi l-pensjoni tieghu kellha tigi komputata abbazi tar-rata ta' kontribuzzjonijiet imhallsa fl-1992 u 1993 u mhux abbazi tad-dhul attwali. Illi dina l-Onorabbli Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni billi qieset lir-ritrattat bhala "persuna li thaddem lilha nnifisha" u billi applikat ghalih id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 tat-

Tlettax-il Skeda tal-Kap 318 (dwar ‘Kif Jinhadem id-Dhul Pensjonabbli’).

Illi l-esponent jissottometti illi huwa car illi r-ritrattat ma kienx “persuna li timpjega lilha nnifisha” li ghaliha seta’ japplika l-paragrafu 2 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 318 izda kien “persuna li tahdem ghaliha nnifisha” u li ghalhekk japplikaw ghaliha d-dispozizzjonijiet tal-paragrafu 3 tat-Tlettax-il Skeda u mhux dawk tal-paragrafu 2.

Illi dan jirrizulta b’ mod car meta wiehed iqis id-definizzjonijiet ta’ “persuna li timpjega lilha nnifisha” u ta’ “tahdem ghalik innifsek” fl-Artikolu 2 tal-Kap 318.

Dawn id-definizzjonijiet jghidu hekk:

“persuna li timpjega lilha nnifisha” tfisser persuna li ma tkunx ghalqet l-eta` ta’ hamsa u sittin sena, li tkun ordinarjament tirrisjedi f’ Malta, u li ma tkunx persuna mpjegata **u li ma tkunx persuna li tahdem ghaliha nnifisha**;” (enfasi ta’ l-esponent)

“tahdem ghalik innifsek” tfisser persuna li timpjega lilha nnifisha **li tinsab okkupata f’xi attività** li permezz taghha jinqala’ qligh li jkun izjed minn Lm390 fis-sena;” (enfasi ta’ l-esponent)

Huwa car illi r-ritrattat, ghad illi f’ termini popolari wiehed kien isejjahlu ‘*self employed*’, ma kienx persuna illi l-qliegh taghha gej minn rizorsi personali li ma jinvolvu ebda attivita` (u cioe` dak illi f’ termini popolari jissejjah il-“benestant”) izda kien persuna illi kien involut f’ attivita` lavorattiva li ghalhekk skond il-Kap 318 kien “jahdem ghalih innifsu” u mhux persuna li “thaddem lilha nnifisha”:

Ghalhekk il-ligi applikabbli ghall-kaz tar-ritrattat hija l-paragrafu 3 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 318 u mhux il-paragrafu 2 ta’ l-istess.

Dan il-paragrafu 3 ma fihx dak illi dina l-Qorti fissret bhala l-‘kwalifika partikolari u krucjali ghall-finijiet tal-kaz’ li nsibu

fl-ahhar parti tal-paragrafu 2 u cioe` il-kwalifika li tistipula illi:

“meta matul l-imsemmija l-ahhar ghaxar snin kalendarji tkun thallset kontribuzzjoni fuq dhul nett li kien oghla minn dak li fil-fatt tkun irceviet, id-dhul nett mehud sabiex jinhadem dan il-kalkolu dwar xi sena wahda kalendarja partikolari jkun l-iktar wiehed gholi minn dan id-dhul nett kollu.”

Il-paragrafu 3 jghid espressament u biss hekk:

“(3) Fil-kaz ta’ pensuna li ghandha titqies bhala persuna li tahdem ghaliha nnifisha, il-medja fis-sena ta’ dhul nett taghha li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun thallset matul l-ahhar ghaxar snin kalendarji, jew parti minnhom jekk hi ma kenitx tahdem ghaliha nnifisha ghaz-zmien kollu msemmi ta’ ghaxar snin minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skond dan l-Att, kif ikun il-kaz, kif jista’ jizdied biz-zidiet fil-paga applikabbli li jkunu mehtiega bil-ligi li jinghataw lil kulhadd sakemm kull zieda bhal dik tkun inqas miz-zieda netta li tinkiseb minn sena ghal sena bejn dhul nett u iehor dwar kull sena sussegwenti ta’ kull wahda mill-ahhar ghaxar snin kalendarji msemmija jew parti minnhom li fihom kienet tahdem ghaliha nnifisha. Hekk izda li, ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, fil-kaz ta’ persuna li qabel l-1 ta’ Jannar 1996, kienet tahdem bi qligh bhala persuna li timpjega lilha nnifisha, id-dhul nett fis-sena ghal kull sena kalendarja qabel id-data hawn fuq imsemmija jitqies bhala l-qligh nett ta’ dik il-persuna.”

Illi ghalhekk is-sentenza tat-13 ta’ Jannar 2004 u partikolarment dik il-parti taghha li wara li cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet dahlet fil-meritu tal-komputazzjoni tal-pensjoni kienet kemm il-frott ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi kif ukoll il-frott ta’ zball ta’ fatt in kwantu saret klassifikazzjoni fattwali zbaljata tar-ritrattat bhala “persuna li timpjega lilha nnifisha” (cioe “benestant”) minflok bhala “persuna li tahdem ghaliha nfisha” (u cioe dak li ‘jahdem ghal rasu’).

Illi in kwantu bazata fuq il-konkluzjoni fis-sens illi r-ritrattat ma kienx ‘ghazel’ li jhallas rata ghola ta’ kontribuzzjonijiet minn dik li kellha tkun applikabbli ghad-dhul tieghu (Art 10(3) tal-Kap 318) is-sentenza hija wkoll affetta minn applikazzjoni hazina tal-ligi billi din naqset illi tiehu konsiderazzjoni tal-fatt illi l-ammont ta’ kontribuzzjoni li ghandu u li jista’ jithallas minn persuna li tahdem ghaliha nnifisha huwa iffissat b’ mod car u preciz mil-ligi fit-tielet taqsima tal-Ghaxar Skeda tal-Kapitolu 318.

Din l-Iskeda hija dettaljata u ma thalli ebda lok ghall-interpretazzjoni u ghall-izbalji ta’ kalkolu dwar kemm wiehed deherlu li se jaqla’ imsemmija f’ din il-parti tas-sentenza.

Meta wiehed jara wkoll il-kliem ta’ l-Artikolu 10 (3) tal-Kap 318 fis-sens li:

“**<u>(3) Ir-rati ta’ kontribuzzjonijiet li jithallsu taht dan l-Att minn persuna li timpjega lilha nnifisha, jew persuna li tahdem ghaliha nnifisha, ikunu dawk specifikati fit-Taqsima II u fit-Taqsima III rispettivament ta’ l-Ghaxar Skeda li tinsab ma’ dan l-Att ghall-erba’ xhur li jaghlqu fl-ahhar jum ta’ April, Awissu u Dicembru ta’ kull sena</u>:** hlief meta dak li jimpjega lilu nnifsu koncernat ikun, sat-3 ta’ Jannar, 1988, ghazel li jhallas rata oghla ta’ kontribuzzjoni minn dik li kienet tithallas minnu mod iehor kif imsemmi qabel; izda hekk illi dik l-ghazla ma ghandhiex, madankollu, ikollha aktar sehh mill-4 ta’ Jannar, 1988.”

Dan ma jhalli ebda dubju illi r-rati applikabbli fl-1992 u l-1993 kienu biss dawk li kienu jidhru fl-Iskeda.

Ghalhekk din il-parti tas-sentenza hija wkoll affetta minn applikazzjoni hazina tal-ligi stante illi l-Ghaxar Skeda, li hija intimament konnessa ma’ l-Artikolu 10 (3) ma gietx applikata.

Ghaldaqslant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar is-sentenza taghha tat-13 ta’ Jannar 2004 fl-ismijiet “William Cassar Torreggiani

vs Direttur tas-Sigurta` Socjali" (Rikors Numru 1/01) u tordna r-ritrattazzjoni taghha ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi (e) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 kif imfisser aktar 'il fuq f' dan ir-rikors, u dan bl-ispejjez kontra r-ritrattat."

William Cassar Torreggiani oppona din it-talba b' din ir-risposta:-

"Illi l-esponenti ritrattat jopponi ghat-talba ghar-ritrattazzjoni kkontenuta fir-rikors tar-ritrattant biex is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell deciza fit-13 ta' Jannar 2004 fl-ismijiet premessi tigi ritrattata, wara li tigi mhassra, peress illi kif qieghed jallega r-ritrattant is-sentenza applikat il-ligi hazin. Ir-ritrattat qieghed jopponi t-talba peress illi din ma tissodisfax ir-rikwizit ta' l-Artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili [il-Kap 12] u dan senjatament peress illi s-sentenza attakkata kollha hi prattikament dwar interpretazzjoni ta' ligi li fuqha l-Qorti espressament tat is-sentenza taghha.

Jidher bla pregudizzju ghas-suespost illi r-rikorrenti ritrattant fir-rikors *de quo* qieghed jipprova jutilizza l-procedura insolita tar-ritrattazzjoni sabiex jattakka sentenza legalment korretta li interpretat il-ligi dwar id-drittijiet tal-kontribwenti bhal dak tar-ritrattat. Dan fil-fehma tar-ritrattat huwa kaz ta' attakk *in extremis* biex ir-ritrattant Direttur tas-Sigurta` Socjali jipprova jqanqal u jressaq **wara li sentenza li ghaddiet in gudikat <u>motivi godda</u>** li ma vventilax qudddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-istadju ta' appell.

Jinghad bir-rispett illi t-talba tar-rikorrent ritrattant fl-assjem tas-sentenza attakkata ma tistax tigi milqugha peress illi r-referenza li saret ghall-Artikolu 811 (e) tal-Kap 12 ma tapplikax ghall-kaz in ezami kif ser jinghad aktar 'l isfel. Ghaldaqstant it-talba ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tat-13 ta' Jannar ghandha tigi michuda u s-sentenza li interpretat korrettement l-istat tal-ligi in materja, materja daqstant delikata bhalma hija dik in ezami, ghandha tigi kkonfermata.

Illi fir-rikors tieghu ir-ritrattant qieghed jallega illi kien hemm tahwid jekk ir-ritrattat (appellant) kienx persuna li thaddem lilha nfisha (*self occupied*) jew kien persuna li timpjega lilha nfisha (*self employed*). Dan ma hu minnu xejn stante illi l-appell kien imperjat biss fuq il-metodu ta' kif kellu jinhadem id-dhul pensjonabbli tar-ritrattat.

Jinghad li l-Iskeda Tlettax, sal-31 ta' Dicembru 1995, kellha l-paragrafu tnejn (2) biss, li kien jghid kif jinhadem id-dhul pensjonabbli - u cjoe` kien l-istess kemm ghal *self employed* u kemm ghal *self occupied*.

Illi bl-Att XII ta' l-1996 zdied il-paragrafu 3 ghall-Iskeda XIII tal-Kap 318 li, minn Jannar 1996, ried li jkun hemm metodu differenti ghaz-zewg kategoriji. Jinghad illi r-rata oghla ta' hlas ta' kontribuzzjonijiet mir-ritrattat **qatt ma giet michuda** mid-Direttur ritrattant u li dan il-punt qatt ma qam quddiem l-Arbitru jew quddiem l-Appell. Fil-fatt, fid-decizjoni taghha l-Qorti ta' l-Appell fil-pagna 9 tal-kopja tas-sentenza taghha [kif imnizzla mill-internet] qalet illi "f' qasam daqstant sensittiv daqskemm socjalment essenzjali bhalma huwa l-istitut tal-pensjonijiet, il-principju tal-komputazzjoni tal-pensjoni ghandu jkun ta' interpretazzjoni favur il-kontribwent biex jassigura li dan jinghata l-beneficcju shih li jirrifletti l-kontribuzzjonijiet minnu maghmula matul is-snin fil-parametri ta' tifsira gusta tad-disposizzjonijiet tal-ligi". Il-Qorti ghamelt riferenza ghall-appell tad-29 ta' Mejju 2000 fil-kawza fl-ismijiet: *Joseph Farrugia vs Direttur tas-Sigurta` Socjali.*

Illi mil-ligi jidher car, u l-Qorti ta' l-Appell interpretat il-ligi korrettement fis-sentenza *de quo*, illi l-paragrafu 3 ta' l-Iskeda Tlettax tal-Kap 318 jipprovdi wkoll illi persuna li qabel l-1 ta' Jannar ta' l-1996 li kienet tahdem ghaliha nfisha kellha d-dritt li d-dhul taghha sat-12 ta' Dicembru 1995 **jibqa' jinhadem kif stipulat fil-paragrafu 2.** Illi peress li l-perijodu in kwistjoni kien is-snin 1992 u 1993 u ghalhekk ma kien hemm l-ebda tahwid dwar il-kategorija tar-ritrattat ghax f' dawk is-snin l-istess metodu kien japplika ghaz-zewg kategoriji. Tapplika hawn il-massima legali illi ***lex non habet oculos retro***.

Illi jinghad li l-Artikolu 10 (3) ta' l-Iskeda XIII u specifikament it-Taqsima II u III ta' l-Ghaxar Skeda li fis-snin 1992 u 1993 kien hemm biss it-Taqsima II li kienet tapplika ghaz-zewg kategorji ta' *self employed* u *self occupied*. Illi l-Artikolu 10 (3) ukoll kien isemmi t-Taqsima II u dan ghax kemm l-Artikolu 10 (3) u l-Iskeda X kienu gew mibdula bl-Att XXI ta' l-1996 u ghaldaqstant id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, fl-interpretazzjoni taghha dwar il-beneficcju dovut lir-ritrattat hija korretta u ma hiex applikazzjoni hazina tal-ligi kif qieghed jallega r-ritrattant Direttur tas-Sigurta` Socjali.

Illi mill-korp tas-sentenza anke l-aktar harsa superficjali lejha turi bic-car illi l-Qorti kienet qieghda taghti interpretazzjoni tal-ligi. F' pagna 4 tas-sentenza l-Qorti qalet car illi <u>l-konsiderazzjonijiet taghha</u> kienu: "marbutin mat-tifsira li trid tinghata lid-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar il-kriterji li ghandhom jittiehdu mid-Direttur biex iqis ir-rata ta' pensjoni dovuta."

Illi fil-pagna 5 tas-sentenza l-Qorti ghamlitha cara meta cahdet l-eccezzjoni tar-ritrattant dwar li l-appell tar-ritrattat (appellant) ma kienx iqanqal l-ebda principju ta' importanza jew punt ta' dritt, illi ma kinitx taqbel assolutament ma' din it-tezi u **hadet l-okkazjoni biex taghti tifsira tal-ligi peress li quddiemha kellha kwistjoni li kienet marbuta ma' punt ta' importanza** mhux kif kien allega r-ritrattant quddiemha, billi dehrilha illi l-appell li kellha quddiemha u li riedet tiddecidi, **ma kienx semplici kaz ta' varjazzjonijiet ta' kalkoli matematici**, li ma kinux jaghtu lok ghal appell **izda punt fondamentali ta' dritt**. Huwa car illi s-sentenza *de quo* si tratta minn interpretazzjoni tal-ligi u ma taghtix lok ghal ebda ritrattazzjoni.

F' pagna 6 tas-sentenza nsibu illi l-Qorti ddikjarat illi kien ikollha "tifli sewwa dak li hemm imsemmi f' dik l-Iskeda" [Skeda Tlettax]. U sabet illi l- "kriterju tal-kontribuzzjonijiet xierqa f' sena partikolari huwa relevanti biss biex jaghmel id-dhul ta' dik is-sena 'eligibbli' biex jintghadd ghall-finijiet

tal-medja ta’ dhul fl-ahhar ghaxar snin”. Pagna 7 fuq u tkompli:

“meta matul l-imsemmija l-ahhar ghaxar snin kalendarji **tkun thallset kontribuzzjoni fuq dhul nett li kien oghla minn dak li fil-fatt tkun irceviet,** id-dhul nett mehud sabiex jinhadem dan il-kalkolu dwar xi sena wahda kalendarja partikolari **jkun l-aktar wiehed gholi minn dan id-dhul nett kollu”** (kliem enfasizzat mill-Qorti).

“Illi din l-ahhar kwalifika tidher li hija eccezzjoni ghall-kriterju generali dwar kif jigi meqjus id-dhul pensjonabbli, ghaliex taghti l-wiehed x’ jifhem li **l-ammont tal-kontribuzzjonijiet mhallsa isir kriterju rilevanti fih innifsu,** jekk kemm-il darba d-dhul nett ta’ sena jew snin partikolari matul l-ahhar ghaxar snin kien anqas mid-dhul korrispondenti mal-kontribuzzjonijiet imwettqa ghal tali snin, skond kif imfissrin fl-Ghaxar Skeda ta’ l-Att.”

Ghaldaqstant l-esponenti ritrattat jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet suesposti tikkonferma s-sentenza taghha tat-13 ta’ Jannar 2004 fl-ismijiet: “William Cassar Torreggiani vs Direttur tas-Sigurta` Socjali” (Rikors Numru 1/01) billi hija gusta u peress illi interpretat sewwa l-ligi u inoltre billi ma jezistux ir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi (e) u (l) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kap 12 kif imsemmija fir-rikors tar-ritrattant ghalbiex is-sentenza *de quo* tigi ritrattata.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattant.”

Minn dawn il-posizzjonijiet differenti tal-kontendenti, certament utli biex din il-Qorti tidentifika sew ir-raguni li nduciet lid-Direttur jitlob ir-ritrattazzjoni u r-ritrattat jjikkontestaha, jinkombi fuq il-Qorti li tikkonsidra u tiddeciedi jekk tabilhaqq it-talba ghas-smigh mill-gdid hijiex meritevoli ta’ akkoljiment jew ghandhiex invece tigi konsiderata bhala merament pretest biex il-litigant sokkombent jkun jista’ jerga’ jiftah il-kawza u, kontra dak li wisq drabi wissew il-Qrati taghna, “indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza” (**Kollez. Vol. VI p 365**;

“**Mark Causon -vs- Carmel Portelli *nomine et***”, Appell, 7 ta’ Marzu 1996;

B’ introduzzjoni preliminari ghall-materja qed jigu opportunement registrati dawn l-osservazzjonijiet, anke ghaliex dawn iservu bhala gwida ghaqlija ghall-gudikant li, mentri l-istitut jipprovdi rimedju utilissimu ta’ revizjoni ta’ sentenzi finali bl-iskop li jigu rettifikati certi zbalji evidenti f’ gudikati (ara “**Leonard Muscat *et* -vs- Onor. Prim Ministru *et***”, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta’ Lulju 2000), minn naha l-ohra dak l-istess rimedju “*della revocazione della sentenza non piu’ suscettiva di appellazione, uscita dal giudizio di secondo grado, rappresenta una eccezione generale per cui ad ogni controversia giuridica è prestabilito un solo giudizio che trova il suo compimento nel giudicato …*” [“**Michele Desira -vs- Avv. Dottor Antonio Caruana**”, Appell, 4 ta’ Mejju, 1934 (**Vol. XXVIII PI p 583**)];

L-osservazzjonijiet appena maghmula huma ntizi biex jigi sottolinejat il-punt illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju li huwa ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi (**Kollez. Vol. XXIX P I p 795**), u li konsegwentement ir-regoli li jiggvernaw l-istitut huma ta’ interpretazzjoni strettissima (**Kollez. Vol. XLII P I p 227**);

Bla dubju dawn l-enuncjazzjonijiet huma radikati fl-istabilita` tal-gudikat billi, kif drabi ohra mfakkar, “il-principju huwa illi ‘*res judicata pro veritate habetur*’ ghax kieku ma kienx hekk, kawza ma tispicca qatt. Il-fatt li dan il-principju ma jippretendix illi r-‘*res judicata*’ hija dejjem il-verita`, izda ghandha tittiehed bhala tali, ukoll meta, ghal xi raguni jew ohra, ma hix tassew, u anzi hija “*ex nigro facit album et ex albo nigrum,* huwa argument qawwi favur il-finalita`” (**Kollez. Vol. XXIX P I p 645; Vol. XXV P I p 137**);

Fermi dawn il-principji ta' indoli generali, kif gja jinsab espress ir-ritrattazzjoni f' dan il-kaz qed tintalab in bazi ghall-motivi elenkati fis-subinciz (e) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Motivi dawn li *ictu oculi* jikkomplimentaw lil xulxin. Jinsab infatti deciz fil-kawza fl-ismijiet "**Fedele Dalli -vs- Coronato Sare**", Appell, 20 ta' Frar 1996 illi "filwaqt li dan l-ahhar subinciz (e) jipprevedi u jipprovdi ghal ritrattazzjoni fuq zball ta' ligi, ta' l-ewwel (l) jipprevedi u jipprovdi ghal ritrattazzjoni fil-kaz ta' zball ta' fatt. Iz-zewg subincizi huma redatti bl-istess dicitura, isegwu l-istess hsieb u jimponu l-istess restrizzjonijiet bl-applikazzjoni taghhom biex jassiguraw illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni jkun verament ta' natura eccezzjonali u li dan ma jigix abbuzat biex jipprovdi forma ta' Qorti ohra ta' revizjoni. L-interpretazzjoni restrittiva moghtija mill-gurisprudenza li sewwa tiddefinixxi u tillimita l-parametri ta' dan ir-rimedju fil-kaz ta' zball ta' ligi ghandha ghalhekk tigi applikata wkoll *mutatis mutandis* fejn hu allegat zball ta' fatt". Ara fl-istess sens "**Il-Kontrollur tad-Dwana -vs- Carmelo Ellul Sullivan *nomine***", Appell, 8 ta' Frar, 2000;

Dan premess, jidher li l-lanjanza principali tad-Direttur ritrattand tikkonsisti fil-fatt illi din il-Qorti waslet fid-decizjoni taghha, issa ritrattata, ghal konkluzjoni illi r-ritrattat kellu jitqies "persuna li thaddem lilha nnifisha" mentri fil-fehma tieghu tali ma kienx il-kaz in kwantu dejjem skond ir-ritrattand, ir-ritrattat kellu invece jigi kategorizzat bhala "persuna li tahdem ghaliha nfisha'. *Ergo* fuq din il-bazi d-Direttur jargomenta, b' riflessjoni, illi l-Qorti applikat il-ligi hazin billi ghall-kaz kellu jigi, b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 10 (3) tal-Kapitolu 318, konsiderat paragrafu tlieta (3) tat-Tlettax-il Skeda u mhux paragrafu tnejn (2) taghha;

Dan stabbilit, forsi jkun aktar floku illi l-ewwel jigi ezaminat il-motiv additat taht is-subinciz (l) ta' l-Artikolu 811.

L-aggravju bazat fuq is-subinciz (l)

Inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Alessandro Gauci -vs- P. L. Constantino Fenech**", Appell, 17 ta' Novembru 1920 (**Kollez. Vol. XXIV P I p 609**), "*che l' errore di fatto che puo porgere il sostrato di una ritrattazione deve avere i seguenti estremi:*

*(a) che esso risulti dagli atti e documenti della causa la cui la impugnata sentenza fu profferita e che si tratti di un errore materiale che per effetti di mera inavvertenza abbia indotto il giudice a suppore un fatto incontrastilbilmente escluso od a suppore inesistente un fatto positivamente stabilito … In altri termini la legge richiede che l' errore versi sugli elementi materiali costitutivi del fatto male supposto esistente od inesistente dal giudice per influenza dello stesso errore; ma non fornisce motivo di ritrattazione secondo la legge l' errore che si manifesta, o si crede esistere nei criteri o nei caratteri coi quali il fatto è stato appeso dal giudicante, poiche l' apprezzamento e l' interpretazione del fatto costituiscono l' insindicabile convincimento del giudice;*

*(b) che l' errore si trovi in causalita` colla decisione, e che il fatto non avesse gia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata.*"

Tista' tghid li fuq l-istipiti ta' din is-sentenza segwit pacifikament il-gurisprudenza taghna fuq din il-materja. Ara fost ohra **Kollez. Vol. XXVII P I p 434**; **Vol. XLI P I p 47** u "**Isidoro Agius -vs- Giuseppa Bugeja**", Appell, 13 ta' Gunju 1995;

Applikati l-principji suddetti ghall-kaz in ispecje hi l-fehma ta' din il-Qorti illi ma jikkonkorrux ragunijiet validi biex il-Qorti tordna s-smigh mill-gdid fuq dan is-subinciz. Fir-rigward taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Mill-istess sottomissjonijiet tar-ritrattand jidher ben ovvju li dan bl-ebda mod ma adduca l-ezistenza ta' dan it-tip ta' zball li kellu jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u li allura kien induca lill-Qorti biex tasal ghal decizjoni zbaljata billi ssupponiet l-ezistenza ta' dan il-fatt meta l-verita` tieghu kellu tkun bla ebda dubju eskluza jew li ssupponiet li dak il-fatt ma kienx jezisti meta l-verita`

tieghu kienet giet pozittivament stabbilita. Fil-fatt is-sottomissjoni tad-Direttur tikkonsisti semplicement f' kontestazzjoni u kritika ta' kif il-Qorti apprendiet il-materja. Dik jigifieri li r-ritrattat "ghalkemm ghamel ghadd ta' snin impjegat jidher li b' effett mill-1987, kien ihallas kontribuzzjonijiet ta' persuna li thaddem lilha nnifisha". Dak li hu zgur pero` hu l-fatt inekwivoku illi d-Direttur mkien ma allega li tali zball ta' deduzzjoni mill-Qorti kien jokkorri mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza li kien hekk determinanti ghall-gudizzju tal-Qorti. Ara fis-sens ta' din l-istess konsiderazzjoni l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell in re "**Maria Concetta Vella -vs- Federico Galea *nomine***", 20 ta' Novembru 1998;

(2) Fil-gudizzju *de quo* ma jidherx li hu permess lill-gudikant li jindaga fuq il-possibilita` u l-allegazzjoni ta' zball 'il barra mill-atti u mid-dokumenti fihom esebiti. L-allegat zball irid jirrizulta mill-konfront bejn l-allegazzjoni ma' l-atti processwali. Jekk f' dan il-konfront ma jirrizulta l-ebda kuntrast mhux konsentit li jigi akkordat smigh mill-gdid fuq dan is-subinciz. Ara a propozitu "**Charles Farrugia *et nomine* -vs- Benny Schembri**", Appell, 7 ta' Ottubru 1996 u b' aktar approfondiment dik riporatata a **Vol. XXXVIII P I p 323**;

(3) Fil-kaz prezenti l-izball, li r-ritrattand jallega, ma jidherx mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Jista' jinghad ukoll illi apparti l-materja tal-kwalifika tar-ritrattat ghall-finijiet ta' l-istabilizzar tar-rata tal-pensjoni qatt ma giet diskussa fil-kors ta' l-*iter* tal-kawza, jidher bic-car illi l-kwalifika maghmula mill-Qorti kienet il-konsegwenza interpretattiva tal-fatti u tali apprezzament u tali interpretazzjoni jikkostitwixxu, kif ben assodat, il-konvinciment insindakabbli tal-gudikant. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 368** u **Vol. XLIV P I p 133**;

Fic-cirkostanzi t-talba *in rescindente* fuq dan il-punt ma kienetx allura sostenibbli;

L-aggravju bazat fis-subinciz (e)

Kif *ex abundantia* imfisser fi skorta ta' decizjonijiet fuq dan is-subinciz, "l-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, raziocini jew argomenti." (**Kollez. Vol. XLIII P I p 264**);

Aktar vitali ghall-iskop tad-diskussjoni fuq dan il-punt hi din l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Frar 1930 in re "**Negte Giuseppe Vella Zarb -vs- Antonio Bartolo**' (**Kollez. Vol. XXVII P I p 433**):

"*Che la Corte in un giudizio di ritrattazione non puo entrare, come nel caso di un regolare appello, ad esaminare se il fatto come stabilito dalla Corte sia erroneo o meno; ma per vedere se vi sia mala applicazione di legge deve prendere per unica base il fatto come stabilito dalla corte nella sentenza impugnata*".

Ara similarment **Vol. XXXVIII P I p 636** u "**Joseph Degabriele -vs- Pawlu Abela**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997;

Li jfisser illi "biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b' mod hazin." ("**Joseph Micallef -vs- George Pavia**", Appell, 8 ta' Novembru 1993);

Ezami tal-lanjanza tar-ritrattand fuq dan il-punt juri li dak li primarjament qieghed jikkritika huwa l-aspett li l-Qorti "ghamlet klassifikazzjoni fattwali zbaljata tar-ritrattat bhala persuna li timpjega lilha nnifisha". Kien ghal din ir-raguni li skond ir-ritrattand il-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi;

Mill-esposizzjoni tal-principji suddetti anke jekk stess il-fatt kif konstatat mill-Qorti kien erroneu dan ma jgibx illi ghal dak il-fatt il-Qorti applikat il-ligi l-hazina. Fil-verita` r-

ritrattand ma jikkontestax illi ghal dak il-fatt stabbilit mill-Qorti, anke jekk fil-fehma tieghu, zbaljat, il-Qorti applikat il-ligi t-tajba. Hu anzi jghid li l-fatt kien zbaljat u allura l-ligi adottata kienet ukoll zbaljata. Din il-kritika tieghu pero` ma taghtix lok ghal smigh mill-gdid tal-kawza fuq dan il-punt, anke ghaliex il-Qorti applikat il-ligi l-korretta ghall-fatti tal-kawza. Kif deciz, “fil-kaz ta’ ritrattazzjoni bbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni ma humiex aktar sindakabbli, u jkun hemm biss lok ghar-ritrattazzjoni jekk, fuq dawk il-fatti, kif jirrizultaw provati, il-Qorti applikat artikolu tal-ligi iehor li kellu jkun proprjament applikat.” (**Kollez. Vol. LXXVI P VI p 196**).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad id-domanda ghar-ritrattazzjoni bazata fuq is-subincizi (e) u (l) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kodici ta’ Procedura, bl-ispejjez jitbatew mid-Direttur ritrattand.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------